MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1317/1990/1

**Salvino u Mario ahwa Testaferrata Moroni Viani u l-istess Salvino Testaferrata Moroni Viani f'isem u bhala mandatarju ta' hutu Beatrice sive Bice, xebba, u Maria, armla ta' Lino Testaferrata Bonici, ahwa Testaferrata Moroni Viani, assenti minn dawn il-Gzejjer u b'nota tal-4 ta' Marzu 1991, Beatrice sive Bice u Marvic armla ta' Lino Testaferrata Bonici ahwa Testaferrata Moroni Viani**
**assumew l-atti tal-kawza f'isimhom stante r-ritorn taghhom Malta**

**vs**

**David Vella fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Falcon Company Limited**

**Il-Qorti;**

**Preliminari**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni minn sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' April 1995.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

1. Fil-25 ta' Mejju 1960, l-atturi ritrattandi kienu kkoncedew lill-kumpannija B.P. Limited, porzjon art fi Triq Testaferrata, Msida fit-territorju maghruf bhala Ta' Xbiex b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal tletin (30) sena b'cens annwu ta' Lm207.15 [fol. 6].

2. Permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Marzu 1978 fl-atti tan-nutar Dott. Paul Pullicino [fol. 9] l-enfitewta biegh l-*utile dominju* ghaz-zmien li kien fadal lill-ahwa Joseph u Paul Vella, u fuq din l-art inbniet Falzon Service Station.

3. Fis-27 ta' Dicembru 1984 [fol. 13] l-ahwa Vella kienu taw b'kera lill-kumpannija konvenuta ritrattata l-pompa tal-petrol, b'sehh mill-1 ta' Jannar 1985 b'kera ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) kull sena.

4. Il-kirja tal-pompa tal-petrol giet imgedda bi skrittura ohra datata 20 ta' Dicembru 1988 [fol. 14]:-

(a) Mill-1 ta' Jannar 1989 sal-31 ta' Dicembru 1992 sal-31 ta' Dicembru 1992, versu kera ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) kull sena;
(b) Mill-1 ta' Jannar 1993 sal-31 ta' Dicembru 1996, versu kera ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1,600) kull sena.

5. Il-koncessjoni enfitewtika ghalqet fl-24 ta' Mejju 1990.

6. L-atturi ritrattandi ma rrikonoxxewx lill-inkwilin peress li skond huma, il-kirja li saret mill-ahwa Vella lis-socjeta ritrattata kienet saret:-

[i] Taht kondizzjonijiet mhux xierqa u gusti;
[ii] Bi frodi tad-drittijiet tas-sidien ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet kostitwita mill-ahwa Vella u l-azzjonista principali u d-direttur taghha kien iben Paul Vella.

7. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Gunju 1992, il-Qorti laqghet it-talbiet ta' l-atturi ritrattandi u ffissat terminu ta'erba' xhur ghal fini ta' zgumbrament.

8. Is-socjeta` konvenuta ritrattata appellat minn din is-sentenza, u permezz ta' sentenza moghtija fil-21 ta' April, 1995 [fol. 106] il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

**Ritrattazzjoni**

Permezz ta' petizzjoni ppresentata fis-17 ta' Lulju, 1995 l-atturi talbu t-thassir tas-sentenza tal-21 ta' April, 1995 u li konsegwentement din il-Qorti tordna t-trattazzjoni mill-gdid ta' l-appell. L-atturi ritrattandi qed jinvokaw il-paragrafi (e), (f), (i) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **Mildred Ferando v. Loris Bianchi proprio et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell [Appell mill-Bord Li Jirregola l-Kera] fit-12 ta' Mejju 2003 gie osservat li, ***"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.137) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818), "non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale" (Antonio Micallef vs Maria***

***Dolores Vella et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910)"***.

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Sacerdot Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' April 1958 [Vol. XLII.i.227], gie osservat li f'dawn il-kawzi (cioe` ta' ritrattazzjoni) wiehed ghandu dejjem ***"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolata, anki b'riferenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI, p.365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818)"***. Il-Qorti kompliet tghid, f'dik is-sentenza, li ***"ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol. VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"***.

**Dwar l-ilment li s-sentenza applikat il-ligi hazin**

Fil-petizzjoni ghal ritrattazzjoni l-atturi ritrattandi jsostnu li fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell hemm applikazzjoni hazina tal-ligi (skond l-Artikolu 811[e] tal-Kap. 12] fil-konsiderazzjoni tat-tezi taghhom li l-kirja li saret lis-socjeta` ritrattata ma saritx taht kondizzjonijiet gusti u xierqa. Issa, skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni bazata fuq applikazzjoni hazina ta' ligi meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa li ma tati l-ebda lok ghal interpretazzjoni. Hekk per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **George Xuereb vs Dorothy Xuereb** deciza fl-20 ta' Jannar 1992[1] gie ribadit illi:-

***"Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk taht is-subinciz (e), jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw***

[1] Riportata *sub. nom.* ***A v. B*** Kollezz. Vol. LXXVI.ii.196.

***ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat".***

Huwa, in fatti, ghalhekk li l-Artikolu 816 tal-Kap. 12, meta jispecfika x'ghandu jkun fih l-att promotorju ta' ritrattazzjoni bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-*ligi "l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata"*.

Fil-kawza **Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et** deciza fl-24 ta' Jannar 1997, din il-Qorti (diversament komposta) qalet a propositu:-

***"Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati…Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti".***

Mill-korp tas-sentenza jidher bic-car li l-Qorti ta' l-Appell kkunsidrat u nterpretat l-artikolu applikabbli, igifieri l-Artikolu 1530 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ghall-fatti tal-kaz odjern. Il-Qorti kkonkludiet li mehud in konsiderazzjoni c-cens originali li kien pagabbli, il-benefikati li saru fuq l-art b'rizultat ta' liema benefikati l-valur tal-fond gie awmentat, u l-awment fil-kera [li tlehhaq sa Lm1,600 fis-sena] li hija kontemplata fil-ftehim ta' lokazzjoni, din il-kirja ma setghetx titqies bhala li saret taht kondizzjonijiet mhux xierqa jew ingusti. Minn qari tal-petizzjoni tar-ritrattazzjoni jirrizulta li l-atturi ritrattandi qeghdin jilmentaw mill-<u>interpretazzjoni</u> u <u>argometazzjoni</u> li ghamlet l-Ewwel Qorti [ara fol. 123 ossia s-sitt pagna tal-petizzjoni]. Dan meta huwa stabbilit, kif diga nghad, li r-ritrattazzjoni taht dan is-subinciz hija ammissibbli biss meta l-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun propjament applikat. Effettivament ir-ritrattandi naqsu wkoll milli jsemmu l-

provvediment tal-ligi li fil-fehma taghhom kellu jigi applikat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 816 tal-Kap. 12.

**Dwar l-ilment li hemm zball ta' fatt**

Ilment iehor tal-atturi ritrattandi [fol. 122] huwa li hemm zball ta' fatt fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in kwantu fiha nghad li r-riferenza li saret mill-atturi ritrattandi (allura atturi appellati) fir-risposta taghhom ghall-appell, ghal *buona fede* ta' kif saret il-kirja, ***"trid tigi kompletament skartata ghaliex ebda appell incidentali ma sar fuq daqshekk mill-atturi, billi s-sentenza appellata fuq l-allegata frode ma kkonkludietx favur l-allegazzjonijiet tal-atturi"*** (ara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li minnha qed tintalab ir-ritrattazzjoni) meta effettivament l-Ewwel Qorti kienet, dejjem skond ma jinghad fil-petizzjoni ghar-ritrattazzjoni, ***"laqghet it-talba ta' l-atturi fuq il-bazi taz-zewg kawzalijiet imsemmija fic-citazzjoni (i.e., (1) li l-kundizzjonijiet tal-kirja ma kienux gusti taht l-artikolu 1530 tal-Kodici Civili, u (2) li l-kirja kienet saret bi frodi tad-drittijiet taghhom, taht l-artikolu 1144 tal-Kodici Civili)"*** (ara l-hames faccata tal-petizzjoni ghar-ritrattazzjoni, fol. 122).

Issa, bhala fatt fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti naqraw (fol. 79 tergo, u 80) is-segwenti:-

***"Fil-fehma tal-Qorti, l-atturi irnexxilhom jippruvaw li huma intitolati ghar-ripreza tal-immobbli de quo kemm il-ghaliex il-mod kif sar it-trasferiment favur tas-socjeta` konvenuta kien wiehed intiz biex lilhom jipprivahom b'mod ingust minn immobbli bid-dritt kollu jirreverti lura fil-pussess taghhom kif ukoll ghaliex f'kull kaz il-kirja li giet miftehma ma kenitx wahda gusta u xierqa".***

Ikun hemm zball ta' fatt kif kontemplat fl-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12, *"…fil-kaz biss li d-decizjoni tkun <u>ibbazata</u> fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt li fil-verita` tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat li*

*jkun gie deciz bis-sentenza"* (sottolinear ta' din il-Qorti). L-atturi ritrattandi jargumentaw li l-Qorti ta' l-Appell naqset milli tikkunsidra l-kwistjoni dwar il-*buona fede* fuq is-supposizzjoni li l-Ewwel Qorti ma kkonkludietx favur l-atturi ritrattandi fir-rigward tal-kawzali li l-ftehim lokatizju sar bi *frode* tad-drittijiet tad-direttarji [igifieri l-atturi ritrattandi], u dan meta qari tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti jeskludi tali supposizzjoni.

Kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tas-7 ta' Ottubru, 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Charles Farrugia et noe v. Benny Schembri** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra u ta' awturi) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Art. 811 hu mehtieg li:

***"i. L-izball […] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' krieterju jew ta' interpretazzjoni;***

***ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball […];***

***iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]"***

Inoltre, il-kelma "ibbazata", fl-espressjoni wzata mill-legislatur *"…d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt…"* neccessarjament tfisser li dak li zball ikun iddetermina d-decizjoni impunjata, ossia jkun zball deciziv, b'tali mod li s-sentenza "ivvizjata" b'dak l-izball ma tkunx tista' tigi sanata minn xi ragunamenti ohra indipendenti minn dik zbaljata[2].

---

[2] Hekk, per ezempju, fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Gunju, 1954 fl-ismijiet **Gaetano Mifsud v. Gaetano Zahra** (li ghaliha hemm referenza wkoll, ghalkemm b'data zbaljata – 1994 flok 1954, fis-sentenza **Farrugia v. Schembri**, *supra*) jinghad awtorevolment illi jehtieg ***"Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizzjata***

Fil-kaz in dizamina, meta wiehed jikkunsidra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li minnha qieghed jintalab ritrattazzjoni, jara li minkejja l-osservazzjoni li setghet ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fis-sens li l-Ewwel Qorti ma kkonkludietx favur l-allegazzjoni tal-atturi ritrattandi li kien hemm il-frodi fil-ghoti tal-kirja u ma kienx sar appell incidentali min-naha taghhom (fol. 111 u 112 tal-process), xorta wahda fil-korp tas-sentenza il-Qorti kkunsidrat f'sezzjoni ghaliha l-kwistjoni tal-frode [ara fol. 110 u 110 tergo tal-process] u jidher li waslet biex tikkonkludi li ma kenitx sodisfatta li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz wiehed seta' jikkonkludi li kien hemm frode. F'din il-parti tas-sentenza, il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ampja ghal sentenza ***"ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 1995, fl-ismijiet, Dottor George Vassallo et vs Julian Sammut"***. F'dik is-sentenza (cioe` **Vassallo v. Sammut**), li kienet titratta kawza simili ghal dik odjerna, il-Qorti ttrattat il-kwistjoni dwar il-*mala fede* [ara fol. 25 sa 27 tas-sentenza] u waslet ghal konkluzjoni li ma kien hemm l-ebda *mala fede.* Il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet li f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, ***"…il-konvenut [Sammut] ghamel dak li tawh parir li ghandu jaghmel sabiex – skond, il-pariri legali li tawh – jibqa' jokkupa l-fond bis-sahha ta' lokazzjoni. Izda f'dan l-agir, f'dak l-orkestrar, anzi f'dawk il-kontorsjonijiet, din il-Qorti ma tara ebda "mala fede"…Din il-Qorti terga' tenfasizza illi ma tara ebda "mala fede" b'sens guridiku li dik il-frazi timporta, f'dan il-kwalita' ta' komportament, li [wiehed] jaghmel uzu minn dritt koncess mill-ligi"***. Insenjament, dan, li jidher li rega' gie abraccjat u ghalhekk ikkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza odjerna. Fic-cirkostanzi ghalhekk jidher li l-Qorti ddeliberat u ddecidiet fuq din il-materja tal-frode, b'mod li ma jistax jinghad li hemm l-izball fis-sens tal-paragrafu (l) tal-Art. 811 imsemmi.

**Dwar li hemm disposizzjonijiet kontra xulxin**

---

***minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dawk zbaljata".***

Jinghad fil-petizzjoni *de quo* li hemm disposizzjonijiet kontra xulxin fis-sens tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 811 in kwantu fis-sentenza tal-21 ta' April, 1995 *"…l-ewwel inghad li ma hemmx appell mis-sentenza appellata in kwantu bazata fuq il-frode, pero', mbaghad, is-sentenza stess tigi qeghda tiddeciedi wkoll appell hekk bazata, li jigi miftiehem li kien jezisti"* [hames faccata tal-petizzjoni, fol. 122 tal-process].

Issa, hi gurisprudenza pacifika li biex ikun hemm il-vizzju ravvizat fl-imsemmi paragrafu (i), il-kontradizzjoni trid tirrizulta <u>fid-dispozittiv</u> tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu relevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizzjoni tal-Qorti u taghmilha *pro tanto* inezegwibbli (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet **Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et**, *supra*, u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et**, Qorti ta' l-Appell, 10 ta' Ottubru, 2003; u **Negozjant Giuseppe di Ruggiero Wismayer v. Giovanni Wismayer et**, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Dicembru, 1936, Vol. XXIX.i.795). Jidher, ghalhekk, li ghall-fini ta' dan il-motiv il-Qorti m'ghandhiex thares lejn il-motivazzjoni tas-sentenza. Fil-kaz odjern ma jidhirx li hemm xi kontradizzjoni fid-dispozittiv tas-sentenza – il-parti dispozittiva hija, tajjeb jew hazin, wahda cara u univoka.

**Dwar li s-sentenza giet moghtija fuq xi haga mhux imdahhla fit-talba**

Dwar dan l-ilment (Art. 811(f)) l-atturi ritrattandi ma amplifikawx fil-petizzjoni taghhom. Jidher pero` li l-ilment taghhom huwa bazat fuq il-fatt li s-socjeta` ritrattata fil-petizzjoni ta' l-appell [fol. 82 tal-process] li pprezentat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, ma ressqitx bhala aggravju l-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kienu tressqu provi li l-kirja saret *bi frode* ghad-drittijiet taghhom in kwantu gie ddikjarat li l-atturi kienu pprovaw li*"il-mod kif sar it-trasferiment favur tas-socjeta` konvenuta kien wiehed intiz biex lilhom jipprivahom b'mod ingust minn immobbli"*.

Meta wiehed, pero`, jezamina r-rikors ta' l-appell intavolat mis-socjeta` ritrattata quddiem il-Qorti ta' l-Appell [fol. 82] wiehed mill-ewwel isib li t-talba kienet sabiex *"[is]-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Gunju 1992 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija, tigi revokata billi jigu milqugha l-eccezzjonijie tal-konvenut nomine u* ***michuda t-talbiet kollha tal-atturi*** *bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi"* (emfazi ta' din il-Qorti). Kliem, dan, li jindika li s-socjeta` ritrattata kienet qeghda titlob lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza fl-intjier taghha minghajr ebda kwalifika, kif effettivament gara. Ghalhekk anke taht dan l-aspett l-ilment tal-atturi ritrattandi hu infondat.

Ghall-motivi premessi tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba ta' l-atturi ritrattandi ghal smigh mill-gdid tal-kawza ghar-ragunijiet minnhom dedotti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------